**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**
**ONOR. IMĦALLEF NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D**

**Appell Numru: 97/2023**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Warren Galea)**

**vs**

**Saviour CACHIA**

**Illum, 26 ta' Marzu 2025**

Il-Qorti,

Rat is-segwenti:

## A. L-IMPUTAZZJONIJIET

1. Dan huwa appell minn sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali mogħtija nhar it-23 ta' Frar 2023 fil-konfront ta' **Saviour CACHIA**, iben Anthony u Vincenza xebba Schembri, imwieled fil-31 ta' Mejju 1981, il-Pieta` u residenti 'Coral Crt', Blk B, Flat 5, Triq il-Parroċċa, San Pawl il-Baħar, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 271481(M), wara li ġie mixli talli:

   Nhar it-8 ta' Ottubru 2016, għall-ħabta tal-01:15hrs, fi Triq il-Ġifen, San Pawl il-Baħar:

1. Naqas li jobdi l-ordnijiet leġittimi ta' awtorita` ċioe` ta' PS 1026 B. Gauci u ta' PC 374 J. Buttigieg, persuni nkarigati minn servizz pubbliku, jew ma ħallihomx jew fixkilhom waqt li kienu qegħdin jagħmlu d-dmirijiet tagħhom jew b'xi mod ieħor bla jedd indaħal fi dmirijiethom billi ma ħallihomx jagħmlu dak li bil-liġi kienu ordnati jew jistgħu jagħmlu jew billi ġab fix-xejn jew ħassar dak li PS 1026 B. Gauci u PC 374 J. Buttigieg kienu għamlu skont il-liġi jew b'xi mod ieħor;

2. U aktar talli attakka jew għamel reżistenza bi vjolenza jew ħebb xort'oħra li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra PS 1026 B. Gauci u PC 374 J. Buttigieg, persuni nkarigati skont il-liġi minn servizz pubbliku filwaqt li kienu qegħdin jaġixxu għall-eżekuzzjoni tal-liġi jew ta' ordni mogħtija skont il-liġi minn awtorita` kompetenti;

3. U aktar talli f'lok pubbliku jew miftuħ għall-pubbliku, kien fis-sakra b'mod li ma kienx kapaċi jieħu ħsieb tiegħu nnifsu;

4. U aktar talli sar reċidiv billi kiser sentenza ai termini ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

5. U aktar talli kkommetta reat waqt il-perjodu operattiv ta' sentenza sospiża, hekk kif mogħtija mill-Maġistrat Dr. D. Frendo Dimech LL.D. nhar it-13 ta' Lulju 2016, liema sentenza hija assoluta u ma tistax tinbidel.

## B. IS-SENTENZA APPELLATA

2. Permezz tas-sentenza aktar 'il fuq imsemmija, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, wara li rat l-artikoli 28B, 49, 50, 95, 96 u 338(ff) tal-Kodiċi Kriminali, iddikjarat lill-imputat (illum l-appellant) **Saviour CACHIA** ħati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tiegħu u filwaqt li ġabet fis-seħħ is-sentenza ta' sentejn (2) priġunerija li kienet ġiet sospiża għal perjodu ta' erba' (4) snin, ikkundannat lill-imputat għal perjodu ieħor ta' sena (1) priġunerija u għal multa ta' erbat elef ewro (€4000), biex b'hekk l-imputat ġie kkundannat

għal perjodu komplessiv ta' tliet (3) snin priġunerija u għal multa ta' erbat elef ewro (€4000).

## Ċ. L-APPELL INTERPOST

3. Illi **Saviour CACHIA** appella minn din is-sentenza u talab lil din il-Qorti sabiex "*tħassar u/jew tirrevoka u/jew tannulla dik il-parti tas-sentenza mogħtija fl-ismijiet premessi mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali kif presjeduta mill-Maġistrat Charmaine Galea nhar il-23 ta' Frar 2023 fejn ġiet reża operattiva s-sentenza sospiża tas-16 ta' Lulju 2016 (kif riportata fil-ħames akkuża) u dwar l-akkużi l-oħra tagħti piena mhux karċerarja u/jew taħt il-minimu minħabba dak hawn fuq premess.*"

## D. IR-RISPOSTA TAL-AVUKAT ĠENERALI

4. Illi permezz tar-risposta tiegħu, l-Avukat Ġenerali wieġeb illi s-sentenza appellata għandha tiġi varjata billi tiġi mħassra u revokata limitatament fejn l-appellant instab ħati tal-ħames imputazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu, u konsegwentement irrendiet operattiva s-sentenza sospiża ta' sentejn priġunerija, u tiġi kkonfermata fejn l-appellant instab ħati tal-kumplament tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu u ġie mogħti piena ta' sena priġunerija effettiva u multa ta' erbat elef ewro (€4,000), u dan għar-raġunijiet indikati mill-Avukat Ġenerali fl-istess risposta.

## E. TRATTAZZJONI TAL-PARTIJIET

5. Illi fis-seduta miżmuma quddiem din il-Qorti nhar is-26 ta' Ġunju 2024, il-partijiet trattaw il-mertu tal-appell.

## F. KUNSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI

6. Illi **fl-ewwel aggravju** tiegħu l-appellant **CACHIA** jilmenta li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ma setgħetx trendi operattiva s-sentenza sospiża datata 13 ta' Lulju 2016, mertu tal-ħames imputazzjoni dedotta kontra tiegħu, u dan in kwantu l-Qorti tal-Maġistrati (Malta), kif presjeduta mill-Maġistrat Dr. Gabriella Vella, fis-sentenza tagħha datata 13 ta' Jannar 2022[1], kienet diġa` trattat mal-istess appellant dwar l-istess sentenza sospiża u dan billi estendiet il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza sospiża, għal perjodu ta' tliet snin minflok erba' snin, kif kien oriġinarjament, dekoribbli mit-13 ta' Jannar 2022. L-Avukat Ġenerali jikkonċedi illi dak ilmentat mill-appellant huwa minnu, u għalhekk fir-risposta tiegħu, iwieġeb illi ma joġġezzjonax għat-talba tal-appellant sabiex din il-Qorti tilqa' dan l-ewwel aggravju tiegħu.

7. Illi qabel xejn, din il-Qorti tqis illi mis-sentenza tal-Ewwel Qorti, jirriżulta illi hija sabet lill-appellant ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu, inkluż għalhekk, tal-ewwel imputazzjoni li tirreferi għar-reat ravviżat fl-Artikolu 338(ee) tal-Kodiċi Kriminali.

8. Illi l-Artikolu 382 tal-Kodiċi Kriminali jaqra hekk:

> Il-qorti, meta tagħti s-sentenza kontra l-imputat, għandha tgħid il-fatti li tagħhom dan ikun ġie misjub ħati, tagħti l-piena u <u>ssemmi l-artikolu ta' dan il-Kodiċi jew ta' kull liġi oħra li tkun tikkontempla r-reat</u>. [sottolinear ta' din il-Qorti]

9. Illi la darba l-Ewwel Qorti sabet lill-appellant ħati tal-ewwel imputazzjoni kif dedotta kontra tiegħu, l-istess Qorti kellha tiċċita wkoll l-Artikolu 338(ee) tal-Kodiċi Kriminali, illi jikkontempla jew joħloq[2] ir-reat li bih l-appellant ġie mixli f'din l-imputazzjoni, u mhux l-Artikolu 95 tal-istess Kodiċi, kif fil-fatt għamlet, li ma jiffigura mkien fir-reati li l-appellant ġie mixli bihom.

10. Kif ingħad fis-sentenza ta' din il-Qorti, kif diversament preseduta, fl-ismijiet <u>**Il-Pulizija vs John Sultana**</u> tat-2 ta' Marzu 2001:

---

[1] Kopja informali ta' din is-sentenza tinsab esebita a fol. 118 *et seq* tal-atti proċesswali.

[2] Fit-test Ingliż, fil-fatt, l-Artikolu 382 tal-Kodiċi Kriminali jaqra hekk: "*The court, in delivering judgment against the accused, shall state the facts of which he has been found guilty, shall award punishment and shall quote the article of this Code or of any other law <u>creating</u> the offence*". [sottolinear tal-Qorti]

> L-Artikolu 382 tal-Kodici Kriminali jghid li s-sentenza moghtija kontra l-imputat ghandu jkollha fiha cioe` issemmi, fost affarijiet ohra, l-artikolu tal-Kodici Kriminali jew ta' kull ligi ohra li jkun jikkontempla r-reat li tieghu dak li jkun ikun qed jinstab hati. S'intendi jekk l-artikolu tal-ligi citat fis-sentenza jkun jew inezistenti jew jigi citat artikolu b'iehor, dan ikun daqs li kieku l-artikolu tal-ligi li jikkontempla r-reat ma giex indikat … Kif gie dejjem ritenut minn din il-Qorti, tali difett jammonta ghal nuqqas ta' formalita` sostanzjali b'mod li jkun applikabbli s-subartikolu (3) ta' l-Artikolu 428 tal-Kodici Kriminali… [sottolinear ta' din il-Qorti]

11. Illi n-nuqqas tal-ewwel Qorti illi tindika, fil-parti disposittiva tas-sentenza tagħha, l-artikolu tal-liġi illi jikkontempla r-reat ravviżat fl-ewwel imputazzjoni, jammonta għal nuqqas ta' formalita` sostanzjali fit-termini tal-Artikolu 428(3) tal-Kodiċi Kriminali, li jwassal għan-nullita` tas-sentenza appellata, b'dan għalhekk illi din il-Qorti qegħda *ex officio* tħassar u tannulla s-sentenza appellata u se tiddeċiedi mill-ġdid il-kawża fil-mertu[3], filwaqt illi l-aggravji tal-appellant, sa fejn applikabbli, se jiġu kkunsidrati bħala sottomissjonijiet in difesa.

12. Illi kif ingħad, permezz tal-ewwel imputazzjoni, l-appellant ġie mixli bir-reat ravviżat fl-Artikolu 338(ee) tal-Kodiċi Kriminali. Jirriżulta illi fil-jum in kwistjoni, ġiet mitluba l-assistenza tal-Pulizija Eżekuttiva minn sid *Zeta Bar,* ġewwa Triq il-Ġifen, San Pawl il-Baħar, u dan stante illi l-appellant kien qed jaqla' l-inkwiet fl-istess fond u ma riedx jitlaq minn hemm, minkejja l-insistenza ta' sid l-istess stabbiliment. Għalhekk PS 1026 Brandon Gauci u PC 374 Joseph Buttiġieġ marru fil-fond in kwistjoni, fejn sabu lill-appellant fil-parapett tal-fond, jargumenta mas-sid. Mix-xhieda ta' PS 1026 Brandon Gauci, kif konfermata mix-xhieda ta' PC 374 Joseph Buttiġieġ, jirriżulta illi dan mill-ewwel beda jġib ruħu b'mod aggressiv mal-istess Pulizija, jindirazzhom bil-kliem "*X'se tagħmel? X'se tagħmel*?" u "*jaqq il-pulizija*", fost kliem dispreġġattiv ieħor, kien jidher xurban stante li kellu riħa qawwija ta' xorb u beda

[3] Ara f'dan is-sens, is-sentenzi ta' din il-Qorti, kif diversament preseduta: **Il-Pulizija vs John Sultana** tat-2 ta' Marzu 2001; **Il-Pulizija vs Joseph Muscat** tal-10 ta' Ġunju 1994; **Il-Pulizija vs Anthony Zahra** tas-26 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija vs Charles Micallef** tat-23 ta' Ġunju 1995; **Il-Pulizija vs Amad Aluwyad Nabil Mahmoud** tas-26 ta' Jannar 2017; u **Il-Pulizija vs Keith Joseph Mallia** tal-4 ta' Frar 2020 (Appell Nru 224/2019), fost diversi oħrajn.

jitbandal l’hemm u l’hawn. Minkejja li ppruvaw ikellmuh bil-kelma t-tajba, spjegawlu li s-sid ma ridux hemm, qalulu sabiex imur id-dar jorqod, u anke offrewlu li jwassluh, huwa ma riedx jisma’. Beda jobżoq fl-art, jisfida lill-Pulizija għall-ġlied u saħansitra, f’mument minnhom qabad siġġu mill-parapett u sabbtu ma’ xi ħġieġ jew ma’ bieb li kien hemm fil-parapett tal-istess fond. Minkejja l-insistenza tal-Pulizija li huwa jitlaq minn fuq il-post, f’xi punt l-appellant anke għaqqad il-ponn u ħebb għal PC 374 Joseph Buttiġieġ billi għolla jdejh lejh, iżda fil-pront ġie miżmum mill-Pulizija, li għaddew għall-arrest tiegħu. Fi kliem ix-xhud Mark Laus, is-sid tal-*bar* in kwistjoni, “*Il-pulizija, ovvjament bdew ikellmuh bil-kelma t-tajba fil-bidu u anke saħansitra qalulu biex imur bil-kwiet imma hu baqa’ jirreżisti*”[4], fil-waqt illi *inter alia* xehed ukoll kif f’waqt minnhom, hekk kif diġa` kien hemm il-Pulizija jkellmu lill-appellant, dan tal-aħħar waddab banketta fil-parapett. Fil-fehma ta’ din il-Qorti, għalhekk, l-ewwel imputazzjoni miġjuba kontra l-appellant tirriżulta sodisfaċentement ippruvata.

13. In kwantu <u>t-tieni imputazzjoni</u>, li permezz tagħha l-appellant ġie mixli bir-reat ravviżat fl-Artikolu 96 tal-Kodiċi Kriminali, jirriżulta illi hekk kif PS 1026 u PC 374 għaddew għall-arrest tiegħu, dan baqa’ jgħajjat u jżomm sod, u “*Wara ħafna ħin nissiltu miegħu*”[5], irnexxilhom iniżżluh mal-art, fejn xorta waħda baqa’ jirreżisti u kien aggressiv, “*jitkaxkar fl-art u jissara u jindirizza lilna pufta, ħara lill-pulizija*”.[6] Bl-istess mod jixhed PC 374 li jgħid illi meta marru sabiex jimmanettjaw lill-appellant, dan kompla jżid fl-aggressjoni tiegħu, u “*beda jagħti b’ġismu kollu mal-art*”[7]. Jixhed illi huma kellhom jintervjenu bil-forza, li l-appellant ma kkoperax, iżda “*Kompla jsir aktar agressiv. Ipprova jweġġagħna f’kelma oħra*”.[8] PS 1026 jixhed illi stante illi kellhom jissiltu mal-appellant sabiex jimmanettjawh, u minħabba r-reżistenza li huwa beda joffri fil-konfront tagħhom, huwa sofra ġrieħi f’idu u f’saqajh. Dwar dan huwa jixhed illi “*Biex niżżilnih kważi tfixkilt fija nnifsi biex jirnexxilu jinżel fl-art. Peress li beda jitmiegħek mal-art, ippruvajt inżommu jien, irkoptejja kienet qiegħda fl-art u bdejt nitkarkar miegħu*”.[9] Miċ-ċertifikati maħlufa minn

---

[4] Ara a fol. 23 tal-proċess.
[5] Xhieda ta’ PS 1026 Brandon Gauci, a fol. 5 tal-proċess.
[6] Ibid.
[7] Xhieda ta’ PC 374 Joseph Buttiġieġ, a fol. 14 tal-proċess.
[8] A fol. 15 tal-proċess.
[9] A fol. 10 tal-proċess.

Dr. Raymond Borg, rrilaxxjati minnu fil-konfront tal-imsemmi PS 1026 u PC 374 rispettivament, jirriżulta illi dakinhar PS 1026 sofra "*Grief fuq il-pulzier tal-lemin*" u "*Uġigħ fuq l-irkoppa tax-xellug*"[10], filwaqt illi PC 374 sofra "*Abbrażżjoni fuq il-werrej tal-lemin*", "*Uġigħ fuq in-naħa tal-lemin tas-sider*", "*Uġigħ fuq il-minkeb tax-xellug*", u "*Uġigħ fuq il-koxxa tax-xellug*"[11]; ġrieħi li fil-fehma tal-Qorti huma kompatibbli mal-verżjoni tal-Uffiċjali tal-Pulizija preżenti dwar dak li seħħ meta huma marru sabiex jarrestaw lill-appellant, u dan b'kawża tar-reżistenza vjolenti li huwa offra fil-mument tal-arrest tiegħu.

14. Illi kif ingħad fis-sentenza ta' din il-Qorti, kif diversament presjeduta, tas-27 ta' April 2017, fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Clayton Baldacchino</u>**, huma tlett elementi essenzjali li jsawru r-reat ikkontemplat fl-Artikolu 96 tal-Kap. 9:

> 1. Fl-ewwel lok, irid ikun hemm l-attakk jew resistenza. Illi meta ikun hemm biss disubbidjenza tal-ligi jew ta' ordni moghtija minn xi awtorita', ma tistax tissussiti r-reita taht din id-disposijoni tal-ligi. Il-Mamo ikompli ighid: "*It is only when the insubordination or defiance goes so far as to obstruct the execution of the law or of lawful orders of the competent authority that the crime of attack or resistance can arise. The purpose of the agent in this crime, therefore, must be precisely that of obstructing or frustrating the execution of the law or the lawful orders of the competent authority, by opposing the action of those charged therewith.*"
>
> Inoltre l-attakk jew resistenza trid tkun necessarjament akkompjanta bl-uzu tal-forza, vjolenza jew bil-hebb.
>
> 2. Fit-tieni lok ir-reat irid jigi komess fil-konfront ta' ufficjal pubbliku jew kif tghid testwalment il-ligi "persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku".
>
> 3. Fl-ahharnett huwa necessarju illi l-attakk jew resistenza kontra l-ufficjal pubbliku irid isir filwaqt illi huwa ikun qieghed jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghtija skond il-ligi minn awtorita' kompetenti. Il-Mamo ikompli ighid: "*Therefore, any*

[10] Ara Dok. BG 1,a fol. 12 tal-proċess u l-affidavit tal-istess Dr. Raymond Borg, a fol. 59 tal-proċess.
[11] Ara Dok. JB 1, a fol. 21 tal-proċess u l-affidavit ta' Dr. Raymond Borg, a fol. 60 tal-proċess.

*violence committed after the law or the order has already been executed, even though it may be on account of such execution, would not give rise to this crime.*"

Fis-sentenza Il-Pulizija vs Joseph Zahra deciza mill-Qorti ta'l-Appell Kriminali fid-9 Settembru 2002 gie deciz:

"Dana l-artikolu (b'referenza ghall-artikolu 96) jirrikjedi mhux biss li l-vittma tkun persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku" (l-istess bhalma jirrikjedi l-Artikolu 95(1)), izda wkoll li r-reat ikun sar filwaqt li dik il-persuna hekk inkarigata minn dak is-servizz pubbliku "tkun qed tagixxi ghall-ezekuzzjoni tal-ligi jew ta' xi ordni moghti skond il-ligi minn xi awtorita` kompetenti" [sottolinear ta' dik il-Qorti].

15. Dwar dan l-element hekk sottolineat, fis-sentenza tagħha **Il-Pulizija vs Lawrence Attard** tat-12 ta' Settembru 1996, din il-Qorti, kif diversament preseduta, qalet hekk:

"Meta ufficjal tal-pulizija jintima li jkun ser jarresta lil xi hadd, jew ikun ga' arresta u qed izomm lil xi hadd arrestat, huwa ikun certament qieghed jezegwixxi il-ligi. Izda meta ufficjal tal-pulizija ikun qieghed jipprova jipperswadi lil xi hadd bil-kelma t-tajba sabiex iwarrab minn fuq il-post u ghalhekk minghajr ma dak il-pulizija jezercita s-setgha tieghu li jarresta, ma jistax jinghad li dak il-pulizija jkun qed jagixxi 'ghall-esekuzzjoni tal-ligi' fis-sens ta'l-artikolu 96, ghalkemm huwa jkun qieghed jaghmel is-servizz pubbliku tieghu fis-sens ta' l-artikolu 95."

16. Illi m'hemmx dubju illi fil-każ odjern, l-Uffiċjali tal-Pulizija PS 1026 u PC 374, persuni inkarigati skont il-liġi minn servizz pubbliku, kienu qed jaġixxu għall-eżekuzzjoni tal-liġi meta għaddew għall-arrest tal-appellant, wara illi dan ħebb għal PC 374, kif lanqas ma hemm dubju illi dan ma kienx każ biss ta' diżubbidjenza tal-liġi, iżda ta' reżistenza akkumpanjata bl-użu tal-forza da parti tal-appellant, b'riżultat ta' liema l-imsemmija Uffiċjali tal-Pulizija sofrew ġrieħi ta' natura ħafifa. Għaldaqstant, din il-Qorti tqis illi t-tieni imputazzjoni miġjuba fil-konfront tal-appellant tirriżulta sodisfaċentement ippruvata.

17. Illi in kwantu għat-tielet imputazzjoni, minn dak deskritt minn PS 1026 Brandon Gauci u PC 374 Joseph Buttiġieġ fir-rigward tal-appellant, li jgħidu illi huwa kellu riħa qawwija ta' xorb, b'PS 1026 jixhed dwar kif l-appellant beda *"jitbandal lil hinn u lil hawn ... u ma kienx fi stat tajjeb*"[12], kif ukoll minn kliem Mario Laus li jgħid illi l-appellant kien "*Aktar mhux f'sensih milli f'sensih*"[13], huwa evidenti illi din l-imputazzjoni tirriżulta ppruvata.

18. Permezz tar-raba' imputazzjoni, l-appellant ġie akkużat bir-reċidiva fit-termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali, fil-waqt illi permezz tal-ħames imputazzjoni, huwa ġie akkużat talli kkommetta reat waqt il-perjodu operattiv ta' sentenza sospiża, mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), kif preseduta mill-Maġistrat Dr. Donatella Frendo Dimech, nhar it-13 ta' Lulju 2016, liema sentenza hija definittiva u ma tistax tinbidel.

19. In kwantu din l-aħħar imputazzjoni, fir-rikors tal-appell minnu interpost, l-appellant iqajjem l-ewwel aggravju tiegħu, kif rappurtat iżjed 'il fuq. Madankollu, din il-Qorti tqis illi qabel xejn, mill-provi miġjuba quddiem l-Ewwel Qorti, din l-imputazzjoni ma tirriżultax fil-grad rikjest mil-liġi. Jibda biex jingħad illi dak esebit mill-Prosekuzzjoni in sostenn ta' din l-imputazzjoni, hija biss vera kopja tat-taħrika tal-Pulizija fil-konfront ta' l-appellant odjern, li fil-qiegħ tagħha fuq in-naħa tal-lemin, tikkontjeni notamenti, li jgħidu hekk: "*Ammissjoni 1-6 imputazzjoni Art 28A Kap. 9 2 sentejn priġunerija sospiżi għal 4 snin Multa €4000 li jitħallsu fi żmien 3 snin*" u taħt, kelma li ma tantx hija leġibbli għal din il-Qorti, iżda x'aktarx "*Rat l-art*", bid-data tat-13 ta' Lulju 2016 u firma, preżumibbilment tal-Maġistrat Dr. Donatello Frendo Dimech.[14]

20. Dak li hemm fuq il-komparixxi huma l-appunti tal-Maġistrat u mhux is-sentenza. Il-Qorti hawnhekk tagħmel referenza għas-sentenza ta' din il-Qorti, kif diversament presjeduta, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Paul Abela** tal-10 ta' Settembru, 2004 fejn ingħad hekk:

> Għalkemm il-fedina penali tista' tittieħed in konsiderazzjoni mill-Qrati ta' Ġustizzja Kriminali biex ikunu jistgħu jikkalibraw il-

[12] A fol. 4 tal-proċess.
[13] A fol. 25 tal-proċess.
[14] Ara a fol. 58 tal-proċess.

> piena, l-imputazzjoni tar-reċidiva dejjem tinneċessita li ssir il-prova tal-kundanna jew kundanni preċedenti; <u>tali prova ssir permezz ta' kopja legali tas-sentenza</u> jew sentenzi preċedenti kif ukoll billi jiġi ppruvat a sodisfazzjoni tal-qorti - permezz ta' xhieda jew minn ezami tal-istess sentenza jew sentenzi (jekk din jew dawn ikunu jagħtu l-konnotati meħtieġa tal-persuna kkundannata) jew minn eżami tal-atti tal-kawża ta' dik is-sentenza jew ta' dawk is-sentenzi preċedenti - li dawk is-sentenzi jirreferu għall-persuna li tkun qed tiġi akkużata bir-reċidiva. [sottolinear ta' din il-Qorti]

21. Dan ir-raġunament għandu japplika bl-istess mod, mhux biss għall-addebitu tar-reċidiva, iżda wkoll bħal fil-każ odjern, fejn l-appellant ġie akkużat talli wettaq reat waqt il-perjodu operattiv ta' sentenza sospiża, b'tali mod għalhekk illi sabiex issostni din l-imputazzjoni, il-Prosekuzzjoni kellha tesebixxi kopja legali tas-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar it-13 ta' Lulju 2016 fil-konfront tal-appellant, oltre illi turi wkoll illi din is-sentenza ngħatat proprju fil-konfront tiegħu u kienet waħda finali. Huwa ċar illi għalkemm f'dan il-każ, il-Prosekuzzjoni ma straħitx fuq il-fedina penali tal-appellant, madankollu d-dokument esebit minnha ma jistax jigi meqjus bħala kopja legali tas-sentenza mertu tal-ħames imputazzjoni, stante illi l-kopja legali tas-sentenza hija dik mogħtija mill-Qorti u ffirmatha mid-Deputat Reġistratur. Vera kopja tat-taħrika li tindika fuqha n-notamenti tal-ġudikant rigward il-piena, ma tistax tigi meqjusa bħala kopja uffiċjali jew legali ta' sentenza.

22. Għalhekk, din il-Qorti tqis illi ma nġabitx prova sodisfaċenti rigward il-ħames imputazzjoni, kif lanqas ma nġabet prova sodisfaċenti rigward l-addebitu tar-reċidiva fil-konfront tal-appellant, bl-unika dokument esebit mill-Prosekuzzjoni in sostenn tar-raba' imputazzjoni, jibqa' biss il-vera kopja tat-taħrika tal-Pulizija, bin-notamenti tal-Maġistrat, kif ingħad iżjed 'il fuq. Għaldaqstant, din il-Qorti tqis illi l-appellant ma jistax jinstab ħati tar-raba' u tal-ħames imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu.

23. Jingħad illi **fit-tieni aggravju** tiegħu fl-appell minnu interpost, l-appellant isostni illi kemm il-darba jintlaqa' l-ewwel aggravju tiegħu – u f'dan il-każ, il-Qorti minflok ma daħlet f'dan l-aggravju, kif ingħad qieset

illi l-appellant ma jistax jinstab ħati tal-ħames imputazzjoni (oltre r-raba' imputazzjoni) – din il-Qorti ma tkunx prekluża milli teroga piena alternattiva għal dik karċerarja, oltre illi jisħaq ukoll illi jeżistu ċirkostanzi illi jagħtu lok għall-applikazzjoni tal-Artikolu 21 tal-Kodiċi Kriminali.

24. Illi din il-Qorti tqis illi mix-xhieda tal-Uffiċjal tal-*Probation* Maryanne Zammit tal-4 ta' Lulju 2017[15], jirriżulta illi l-appellant kien ilu jiġi segwit minnha mis-sena 2010 u illi l-problema primarja tiegħu kienet l-użu tad-droga. Hija tixhed kif l-appellant kien jagħmel perjodi li fihom kien jirrikorri għall-għajnuna, jieħu trattament, jikkopera u jattendi għall-appuntamenti magħha, b'dan illi kien ikun hemm ukoll dawk il-perjodi li fihom l-appellant kien ikun impulsiv, jerġa' jibda jabbuża mid-droga u jitlef ir-raġuni. Kienet anke rreferietu għand psikologu sabiex jindirizza r-rabja tiegħu, iżda huwa ma baqax jattendi għal dawn l-appuntamenti. Kien hemm ukoll perjodu f'Mejju 2017, li fih daħal ġewwa Dar l-Impenn, u dan fuq deċiżjoni tiegħu stess, stante illi ma kienx stabbli dak iż-żmien. Fiż-żmien tax-xhieda tagħha, l-appellant kien qed jirċieva l-kura tal-*methadone,* u l-pjan kien illi jikkonsulta ma' psikjatra sabiex isir *assessment,* u tiġi indirizzata l-instabbilita` tiegħu. Kien hemm il-ħtieġa wkoll li jindirizza r-rabja tiegħu, li kienet qed taffettwa anke lil uliedu.

25. Fil-mori tal-appell odjern, xehdu wkoll professjonisti oħrajn sabiex jipprovdu informazzjoni, iżjed riċenti, dwar l-andament tal-appellant. Fl-udjenza tal-20 ta' Frar 2024, Carl Colin Mercieca, ħaddiem soċjali fi ħdan l-Aġenzija Sedqa[16], jixhed illi l-appellant ġie allokat lilu f'Marzu 2022, u illi l-każ baqa' attiv sa Novembru 2023, meta ngħalaq. Huwa jixhed illi f'dak il-perjodu saret ħidma sabiex l-appellant jidħol ġewwa l-programm residenzjali tal-Komunita` ta' Santa Marija, iżda sakemm il-Bord tal-istess Komunita` iddeċieda li jilqa' lill-appellant fid-dawl tal-kawża pendenti quddiem din il-Qorti, eventwalment ir-*referral* ma saritx għaliex l-appellant ma xtaqx ikompli jirċievi s-servizzi tal-Aġenzija Sedqa, b'dan għalhekk illi l-każ tiegħu ngħalaq. Jixhed ukoll illi fil-perjodu li huwa kien qed isegwih, kien hemm perjodi pożittivi, li fihom l-appellant kien jattendi għas-sessjonijiet miegħu b'mod regolari, u jħalli kampjuni tal-

[15] Ara a fol. 72 tal-atti proċesswali. F'dawn il-proċeduri, l-appellant tqiegħed taħt Ordni Proviżorja ta' Superviżjoni mill-Ewwel Qorti nhar l-24 ta' Novembru 2016 (ara a fol. 2 u 3 tal-proċess).
[16] Ara a fol. 220 tal-proċess.

urina, li kienu jirriżultaw fin-negattiv, u l-kuntatt miegħu kompla anke meta l-appellant daħal il-ħabs fi Frar 2023.

26. L-istess Carl Colin Mercieca reġa' xehed quddiem din il-Qorti fl-udjenza tal-15 ta' Mejju 2024[17]. Huwa jgħid illi f'Marzu 2024, l-appellant reġa' għamel kuntatt mal-Aġenzija Sedqa, wara illi kellu xi diffikultajiet ma' Aġenzija oħra, u fl-20 ta' Marzu 2024, huwa ltaqa' mal-appellant, b'dan għalhekk illi reġa' nfetaħ il-każ tiegħu. Jixhed illi l-appellant iżomm kuntatt miegħu b'mod regolari, u jattendi għal sessjonijiet miegħu sabiex anke jsir *assessment* tas-sitwazzjoni u jitkellmu dwar id-diffikultajiet tal-appellant fil-ħajja ta' kuljum bħala mezz ta' sostenn għalih. Fil-fehma tiegħu, l-appellant kien qed jippreżenta sitwazzjoni stabbli ħafna, il-kuntatt kien qed iżommu kull ġimgħa, kienu anke ttieħdulu żewġ kampjuni tal-urina li kienu nodfa mis-sustanzi lleċiti, u kien reġa' daħal fl-istess impjieg fiss li kellu qabel daħal il-ħabs, wara illi d-datur tax-xogħol tiegħu għażel li jagħtih opportunita` oħra. Fil-fehma tax-xhud, mill-fatt illi kien qed ikun hemm kuntatt kontinwu, u illi l-appellant kien qed jitkellem dwar is-sitwazzjonijiet tiegħu, f'dak l-istadju, dawn is-sessjonijiet kienu qed ikunu ta' għodda tajba u suffiċjenti għall-istess appellant.

27. Illi da parti tagħha, fl-udjenza tas-26 ta' Ġunju 2024, Elaine Buttiġieġ, ħaddiema soċjali fi ħdan is-Servizzi Komunitarji tal-Qawra[18], xehdet illi hija ilha ssegwi lill-appellant minn Jannar 2024, wara li ġie riferut lilhom mill-Aġenzija għas-Servizzi Korrettivi sabiex jassistuh dwar l-aspett familjari tiegħu u ta' wliedu u illi x-xogħol tagħha kien jikkonsisti f'sessjonijiet ta' sostenn emozzjonali u għajnuna sabiex itaffi l-piż finanzjarju. Tixhed illi l-appellant dejjem żamm kuntatt kontinwu, dejjem attenda bi ħġaru għas-sessjonijiet, u pparteċipa fihom b'mod pożittiv. Tixhed ukoll illi l-appellant dejjem wera motivazzjoni sabiex itejjeb is-sitwazzjoni ġenerali tiegħu u tal-familja tiegħu u integra lura tajjeb fil-komunita` billi rnexxielu jerġa' jidħol ukoll fid-dinja tax-xogħol, għalkemm dan ma kienx faċli. Tixhed illi *"Kien qasam miegħi fatti d-diffikultajiiet li sab biex reġa' daħal fid-dinja tax-xogħol allura apprezajt kemm stinka wkoll biex irnexxielu u ħadem biex irnexxielu biex reġa' jistabbiliza ruħu għax ma kinietx faċli għalih*". Tixhed in oltre illi

---

[17] A fol. 231 tal-proċess.
[18] A fol. 239 tal-proċess.

għalkemm fil-bidu kienu jiltaqgħu qisu darba fix-xahar, kemm ilu li daħal lura fid-dinja tax-xogħol, saret iżjed diffiċli sabiex jiltaqgħu, iżda jitkellmu sikwit tramite komunikazzjoni elettronika u anke permezz ta' telefonati. L-appellant iċemplilha minn jeddu, b'dan għalhekk illi mhux dejjem tkun hi li tibda l-kuntatt miegħu.

28. Jidher għalhekk minn din ix-xhieda, illi minkejja l-fedina penali tiegħu, li hija waħda ferm refrattarja, l-appellant qabad it-triq it-tajba u jidher sod fir-rieda tiegħu illi jindirizza d-diffikultajiet li qed jaffaċċja, kemm dawk familjari, kif ukoll dawk konnessi mal-vizzju tad-droga, billi qed ifittex regolarment l-għajnuna tal-professjonisti sabiex jigwidawh f'dan il-proċess, liema professjonisti fil-fatt xehdu b'mod pożittiv dwar l-andament tiegħu.

29. Madankollu, din il-Qorti fil-waqt illi tagħraf illi l-appellant irreġistra progress miż-żmien tar-reati in kwistjoni, u anke miż-żmien illi l-Uffiċjal tal-*Probation* tat ix-xhieda tagħha quddiem l-Ewwel Qorti fis-sena 2017, mill-banda l-oħra ma tistax tinjora l-fatt illi l-appellant qed jinstab ħati ta' reati li huma għal kollox deplorevoli, għaliex jimminaw serjament l-amministrazzjoni tal-ġustizzja. Ċertament il-fatt illi l-appellant kien xurban dakinhar tal-inċident in kwistjoni ma jiskaġunahx mir-responsabilita` kriminali tiegħu, jew joffri xi forma ta' ġustifikazzjoni għall-użu tal-forza da parti tiegħu fil-konfront tal-Uffiċjali tal-Pulizija nvoluti fil-każ, li jmur oltre mis-sempliċi rimonstranza, rikonoxxuta mill-ġurisprudenza in tema. Fis-sentenza ta' din il-Qorti, diversament preseduta, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Dunstan Williams** tat-23 ta' Frar 2024, saret referenza għas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) f'dak il-każ, fejn ingħad hekk in kwantu r-reat taħt l-Artikolu 96 tal-Kodiċi Kriminali:

> Il-Qorti tiddeplora kull att ta' sfida multo magis vjolenza ta' kull xorta fil-konfront tal-forzi tal-ordni ta' pajjiżna li jwettqu rwol daqshekk fondamentali fil-protezzjoni tas-soċjeta' kollha u sabiex jiġi assigurat id-dixxiplina u ordni li tant hemm bżonnhom fis-soċjeta' mqanqla tal-lum. Għalhekk ma tistax ma tqisx bl-iktar mod gravi kull manifestazzjoni ta' vjolenza fil-konfront fuq uffiċjali tal-Pulizija fl-eżukuzzjoni tad-dmirijiet tagħhom, uffiċjali li kuljum jaħbtu wiċċhom ma' perikolu u sfidi biex għall-

> benefiċċju ta' kull ċittadin, jieħdu ħsieb li s-soċjeta' li ngħixu fiha tkun waħda sigura. Għal dan, l-uffiċjali tal-Pulizija u kull uffiċjal pubbliku inkarigat bil-buon ordni pubblika jistħoqqilhom l-ikbar rispett, u dan għandu jiġi rifless ukoll fil-piena li tiġi erogata fuq sejbien ta' ħtija għal reati mwettqin fuq uffiċjali tal-Pulizija.

30. Din il-Qorti taqbel bis-sħiħ ma' dawn il-kunsiderazzjonijiet, b'dan għalhekk illi fil-waqt li għal fini tal-piena li se tiġi erogata, qed tieħu qies tal-progress pożittiv li għamel l-appellant, fl-istess waqt il-piena fir-rigward tal-ewwel, it-tieni, u t-tielet imputazzjonijiet li qed jinstab ħati tagħhom, għandha tirrifletti wkoll in-natura serja tar-reati mertu, b'mod partikolari, tat-tieni imputazzjoni u ċ-ċirkostanzi tal-każ, oltre l-fedina penali tal-istess appellant li, kif ingħad, hija waħda ferm refrattarja. Dawn il-kunsiderazzjonijiet iwasslu lill-Qorti sabiex fil-waqt illi ma tqisx illi hemm xi raġunijiet jew ċirkostanzi speċjali u straordinarji li b'riżultat tagħhom din il-Qorti għandha tagħti piena taħt il-minimu, fit-termini tal-Artikolu 21 tal-Kodiċi Kriminali, kif isostni l-appellant, tqis ukoll illi m'għandhiex teroga piena ta' priġunerija effettiva, u dan sabiex ma ġġibx fix-xejn l-isforzi ġenwini li qed jagħmel l-appellant fit-triq lejn ir-riforma tiegħu.

**DECIDE**

Għal dawn ir-raġunijiet, din il-Qorti wara li rat l-Artikoli 17(d), 96, 338(ee) u 338(ff) tal-Kodiċi Kriminali, qed issib lil **Saviour CACHIA** mhux ħati tar-raba' u tal-ħames imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu u qed tilliberah minnhom, fil-waqt illi qed issibu ħati tal-ewwel, tat-tieni u tat-tielet imputazzjonijiet u tikkundannah għall-piena ta' seba' xhur (7) priġunerija, li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali, qed tiġi sospiża għall-perjodu ta' sentejn mil-lum, u multa ta' erbat elef ewro (€4,000), li fit-termini tal-Artikolu 14(2) tal-Kodiċi Kriminali, jistgħu jitħallsu mill-ħati f'rati mensili u konsekuttivi ta' mija, ħamsa u għoxrin ewro (€125), bl-ewwel pagament isir fi żmien xahar mil-lum, b'dan ukoll illi jekk huwa jonqos milli jħallas pagament wieħed, il-bilanċ jiġi dovut minnufih, u jiġi konvertit fi priġunerija skont il-liġi.

B'żieda ma' dan, u fit-termini tal-Artikolu 28G tal-Kodiċi Kriminali, qed tagħmel fil-konfront ta' **Saviour CACHIA**, Ordni ta' Superviżjoni, b'dan għalhekk illi

qed tqiegħdu taħt is-superviżjoni ta' Uffiċjal Sorveljanti għall-perjodu ta' sentejn mil-lum, sabiex jibqa' jirċievi l-għajnuna tal-professjonisti, kif meħtieġ, biex ikompli fit-triq tar-riforma.

Tordna li kopja tal-Ordni ta' Superviżjoni tiġi notifikata minnufih lid-Direttur tal-*Probation* u *Parole* sabiex jara li jiġi maħtur Uffiċjal Sorveljanti.

Fit-termini tal-Artikoli 28A(4) u 28G(8) tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti spjegat lill-ħati fi kliem ċar u sempliċi, ir-responsabilitajiet tiegħu taħt l-Artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali, kemm il-darba huwa jikkommetti reat ieħor, punibbli bi priġunerija, waqt il-perjodu operattiv tas-sentenza sospiża, kif ukoll l-effetti tal-Ordni ta' Superviżjoni.

**Natasha Galea Sciberras**
**Imħallef**